aċċessjonijiet waqt it-tqala, iżda għal dawk li jiżdidilhom (bejn 17% u 37%), din iż-żieda ħafna drabi hija assoċjata mal-mediċina ta' kontra d-droga li mhix qed tiġi meħuda tajjeb (jew mhix tahdem dejjem minħabba r-rimettar) ma' nuqqas ta' rqad, jew għax it-tqala qed tnaqqas l-livell tad-droga fid-demm.
F'5% tan-nisa, l-epilessija tiġi kkontrollata l-aktar għax huma attenti li jorqdu biżżejjed u li jieħdu l-mediċina regolarment.

**X'inhu ċ-ċans li jkollok aċċessjoni waqt il- 'labour'?**
Bejn 1% u 2% tan-nisa biss ikollhom aċċessjoni 'tonic clonic' u bejn 1% u 2% ikollhom aċċessjoni fi żmien 24 siegħa. Il-mediċina għandha tiġi meħuda normalment waqt il- 'labour'. Twelid għandu jsir fi sptar, u fil-kamra tat-twelid għandhom ikunu jafu bl-epilessija u t-trattament li qed tieħu. Dejjem għandek tiftakar li l-maġġoranza assoluta tan-nisa bl-epilessija jkollhom tqala normali bi twelid ta' trabi b'saħħithom.

**Inkun nista' nieħu ħsieb it-tarbija?**
Jekk l-aċċessjonijiet huma kkontrollati sew, l-epilessija ma tfixkilx wisq fil-kura tat-tarbija. Jekk l-aċċessjonijiet ma jkunux ikkontrollati sew, riskji jeżistu u dawn jiddependu min-natura ta' aċċessjonijiet li għandha l-omm.
Jekk l-aċċessjonijiet jiġu f'daqqa, għandek tlibbes, taħsel u tbiddel lit-tarbija fl-art. It-tarbija qatt m'għandha tiġi maħsula f'ilma fond b'hekk l-omm stess tkun iktar żgura taħsel it-tarbija fl-art.

## CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION

Caritas (Malta) Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, fi ħdan il-Caritas. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja ħienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy u EYIE (International Youths in Europe).

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri, it-tieni ġimgħa ta' kull xahar bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:


**CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION**
**5, Lion Str., Floriana, Malta.**
**Tel: 21233933; 21245358; 2590 6600; 3290 2845**

E-mails: Godcac@global. net. mt
Zenit@maltanet. net

Websites: www.caritasmalta.org/page01.htm
www.epilepsia.fi/info/linkit.htm



CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 21233933 - 21245358


# IN-NISA U L-EPILESSIJA



IN-NISA U L-EPILESSIJA

# IN-NISA U L-EPILESSIJA

In-nisa li jbatu bl-epilessija ghandhom ħafna mistoqsijiet fuq kif l-epilessija teffetwa saħħithom, fuq it-tqala u fuq saħħet uliedhom. F'dawn il-paġni ghandek issib informazzjoni ġenerali li tgħinek tifhem u tkun kapaċi tistaqsi mistoqsijiet waqt il-visti tiegħek ghand it-tabib jew newroloġista.

**Hemm xi relazzjoni bejn il-menstruwazzjoni u l-epilessija?**

Għal uħud min-nisa, l-aċċessjonijiet jiżdiedu fi żmien il-menstuwazzjoni; għal oħrajn, l-aċċessjonijiet jiġru f'dan iż-żmien biss. Għad mhux magħruf fiċ-ċert ghaliex, iżda jaħsbu li dan huwa minħabba li f'dak iż-żmien il-bdil fil-livell ta' l-urmoni, tal-livell tal-mediċina stess, tal-fluwidi tal-ġisem kif ukoll it-tensjoni ta' qabel il-menstruwazzjoni, huma l-kaġun. L-epilessija f'dan iż-żmien tal-menstruwazzjoni tissejjaħ 'catamenial epilepsy'.
Jekk iżżomm rekord ta' l-aċċessjonijiet tkun tista' tidentifika r-relazzjoni bejn il-frekwenza ta' l-aċċessjonijiet u l-menstruwazzjoni. It-tabib imbagħad ikun jista' jgħinek aktar fuq l-aħjar pjan ta' trattament.

**Mara bl-epilessija tista' tieħu pilloli kontraċettivi?**

M'hemm ebda evidenza li dawn il-pilloli jeffetwaw l-epilessija b'xi mod. Hafna drabi n-nisa kkonċernati iktar fuq li ma jinqabdhux tqal. Uħud mill-mediċini ta' l-epilessija jnaqqsu mill-effett tal-pillola kontraċettiva, u n-nisa jinqabdu tqal. Jista' jkun li jkun hemm xi ftit nixxija ta' demm. Dawn il-problemi jistgħu jiġu evitati b'doża akbar bil-parir tat-tabib.

**X'tagħmel mara bl-epilessija li tixtieq ikollha t-tfal?**

Importanti ħafna li tmur għall-parir tat-tabib, għax kemm il-mediċina u kemm il-kontroll ta' l-epilessija jridu jiġu studjati. Jekk taħdem id f'id mat-tabib tkun qed tnaqqas iċ-ċans ta' xi riskju għat-tarbija fil-futur. Dan hu żmien li fih int tistaqsi ħafna mistoqsijiet importanti. Tiddejjaqx tistaqsi!

**Qabel ma ninqabad tqila, ikun hemm bżonn ta' bdil fil-mediċina?**

Huwa magħruf li waqt it-tqala, aħjar ma tittieħed ebda droga, inkluż l-alkoħol u t-tabakk. Iżda n-nisa bl-epilessija attiva jridu jibqgħu jieħdu l-mediċina, għax r-riskju li taqbadhom aċċessjoni huwa ikbar mir-riskji assoċjati mal-mediċina ta' kontra l-epilessija.
Huwa importanti li dawn in-nisa jitkellmu mat-tabib responsabbli għall-kura, qabel ma jinqabdu tqal, jew għall-inqas, kmieni kemm jista' jkun wara li jinqabdu. Jekk ilu ma jagħtihom aċċessjoni iktar minn sentejn jew tlieta t-tabib għandu mnejn jikkonsidra li jwaqqaf il-mediċina.
Wieħed għandu jikkonsidra l-effett li dan jista' jkollu fuq il-ħajja ta' l-individwu, jekk dan jerġa' jkollu xi aċċessjoni. Eż. Il-liċenzja tas-sewqan tiġi rtirata, effett fuq il-post tax-xogħol, etc.
Jekk il-persuna għadha tbati bl-aċċessjonijiet, it-tabib jieħu ħsieb li tkun qiegħda fuq l-inqas doża' ta' l-iktar mediċina effettiva li tagħti l-aħjar kontroll fuq l-aċċessjonijiet. Tibdil ta' mediċini dejjem għandu jsir fuq parir u superviżjoni ta' tabib.
Uħud mill-mediċini kontra l-epilessija huma assoċjati aktar minn oħrajn ma' riskju ta' difetti fit-twelid. Pjanijiet ta' qabel t-tqala jgħinu lit-tabib biex jeżamina mill-ġdid it-trattament u jekk hemm bżonn:

- Jibdel id-doża.
- Jibdel il-mediċina u jistudja l-effett.
- Iwaqqaf il-mediċina.

Fil-waqt li riskju ta' difett fit-twelid jeżisti, 95% min-nisa b'epilessija jkollhom tfal b'saħħithom.
Waqt it-tqala l-ġisem juża iktar mill-mediċina kontra l-epilessija, u l-livell tad-droga fid-demm jista' jaqa'. Għalhekk għandek tiċċekkja d-demm regolarment, għax għandu mnejn li t-tabib iżidlek id-doża.



**X'jista' jsir biex jonqos ir-riskju ta' difetti fit-twelid?**

Uħud mill-mediċini kontra l-epilessija jistgħu jżidu r-riskju ta' spina bifida (żvilupp abnormali tas-sinsla li ħafna drabi tikkaġuna nuqqas ta' saħħa fis-saqajn u nuqqas ta' kontroll fil-bużżieqa ta' l-awrina) Jekk tieħu iktar 'folic acid' qabel it-tqala, u għall-ewwel tlitt xhur tat-tqala, tista' tnaqqas ir-riskju.
Jekk iżżomm dieta tajba, tagħmel eżerċizzju, u toqgħod lura mill-alkoħol u t-tabakk, tkun qed tgħin biex tnaqqas ir-riskju.

**It-tqala taffettwa fil-kontroll ta' l-aċċessjonijiet?**

Uħud min-nisa jkollhom inqas, uħud ma jinbidlux, waqt li oħrajn isibuha iktar diffiċli biex jikkontrollawha. Importanti li tavża lit-tabib fuq xi aċċessjoni li jagħtik waqt it-tqala. *Status epileptikus* u aċċessjonijiet twal fit-tqala jiġu kkonsidirati bħala emerġenza medika.

**Neċċessarju li nibqa' nieħu l-mediċina waqt it-tqala?**

Huwa essenzjali li tibqa' tikkontrolla l-aċċessjonijiet, għall-ġid tiegħek kif ukoll tat-tarbija. Li twaqqaf it-trattament jaf ikun iktar ta' riskju għalikom it-tnejn, min xi effett li jista' jkun hemm minn mediċina ta' kontra l-epilessija.

**X'tagħmel f'każ ta' tqala mhix ippjanata?**

F'dan il-każ għandek tibqa' tieħu l-mediċina u tkellem tabib kemm jista' jkun malajr. Superviżjoni tal-mediċina waqt it-tqala jagħtik l-aħjar riżultat għalik u għat-tarbija.

**Mara bl-epilessija tista' tredda'?**

Il-biċċa l-kbira tan-nisa jkunu jixtiequ jreddgħu, u t-tabib jinkuraġġihom. Il-preżenza tal-mediċina fil-ħalib tas-sider, rarament tikkawża problemi għat-tarbija. Jekk it-tarbija tidher dejjem nofsha rieqda, kellem speċjalista. It-treddigħ jaf jgħajjik u nuqqas ta' rqad jista' jirriżulta f'aċċessjonijiet f'uħud mill-ommijiet. Dejjem għandek tkellem tabib fuqhom.

**Jistgħu jiżdiedu l-aċċessjonijiet waqt it-tqala?**

Il-parti l-kbira tan-nisa ma jiżdidilhomx in-numru ta'